# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar iT-Tlieta 22 ta' Mejju, 2001 .

### Citazzjoni numru : 123/00G1(PC)

**Nicolina mart John Bugeja .**

**VS**

**Direttur tar-Registru Pubbliku, Ghawdex**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet :**

**Illi l-att tat-twelid taghha, liema att tat-twelid taghha jgib in-numru mija u tlieta u sittin (163) tas-sena elf disa' mija u erbghin (1940) huwa zbaljat sewwa fir-raba kolonna taht l-intestatura "Ismijiet moghtijin" kif ukoll fl-ahhar kolonna taht l-intestatura "Isem u Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi imsejha" u dana peress illi isem l-attrici huwa "NICOLINA" u mhux "MICHELINA" u oltre dana l-attrici dejjem giet imsejha bl-istess isem tal-maghmudija taghha u cioe` ta' "NICOLINA" u mhux bl-isem ta' "MICHELINA" ;**

**Illi l-attrici trid tipprocedi sabiex tikkoregi dana l-att tat-twelid taghha hawn fuq imsemmi u dana bil-mod kif hawn fuq spjegat .**

**Talbet lill-konvenut nomine jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :**

1) **Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid taghha hawn fuq imsemmi bin-numru progressiv ta' mija u tlieta u sittin (163) tas-sena elf disa' mija u erbghin (1940) fis-sens illi fir-raba kolonna taht l-intestatura "Ismijiet moghtijin", jigi ikkancellat l-isem ta' MICHELINA" u minflok jidhol l-isem ta' "NICOLINA" ;**

2) **Tordna wkoll il-korrezzjoni tal-istess att tat-twelid hawn fuq imsemmi fis-sens li fl-ahhar kolonna taht l-intestatur "Isem u**

**ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" jigi kancellat ukoll l-isem "MICHELINA" u minflok jidhol ukoll l-isem "NICOLINA" .**

**Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut nomine ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attrici minnha kkonfermata bil-gurament .**

**Rat ukoll id-dokumenti annessi mac-citazzjoni, u cioe' dokument "A" huwa kopja ufficjali ta' l-att tat-twelid numru mija tlieta u sittin tas-sena elf disa' mija u erbghin (163/1940), referibbli ghall-attrici, u bhala dokumen "B" fidi tal-maghmudija tal-istess attrici rilaxxjata mill-kappillan tal-parrocca ta' San Lawrenz, Ghawdex .**

**Rat ukoll in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa :**

1. **Illi huwa m'huwiex edott mill-fatt u ghaldaqstant jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba;**

2. **Illi huwa m'ghandux ibati spejjez ;**

3. **Salv eccezzjonijiet ulterjuri .**

**Rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-istess konvenut ikkonfermata bil-gurament tan-Nutar Dr. Mary Debono Borg .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .**

**Semghet lill-attrici Nikolina mart John Bugeja tikkonferma l-kontenut tad-dikjarazzjoni taghha, u illi fil-fatt hija minn dejjem kienet imsejha NICOLINA u mhux MICHELINA kif hemm erronjament indikat fic-certifikat tat-twelid taghha .**

**Il-Qorti ghal hekk u peress illi jidhrilha illi t-talba attrici hija gustifikata, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talbiet attrici, u tordna il-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid ta' l-istess attrici indikat fic-citazzjoni bin-numru progressiv ta' mija tlieta u sittin tas-sena elf disa' mija u erbghin (163/1940), fis-sens illi fir-raba kolonna taht l-intestatura "Ismijiet moghtijin" jigi kancellat l-isem ta' "MICHELINA" u minflok jidhol l-isem ta' "NICOLINA" .**

**Tordna wkoll il-korrezzjoni ta' l-istess att tat-twelid, fis-sens illi fl-ahhar kolonna taht l-intestatura "Isem u Ismijiet li bih/bihom it-**

**tarbija ghandha tigi msejha" jigi kancellat ukoll l-isem "MICHELINA" u minflok jidhol ukoll l-isem "NICOLINA" .**

**In vista tan-natura ta' din il-kawza, ma ghandux ikun hemm spejjez .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**

S12300Pc